MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 68/2008

**GO p.l.c (C 22334)**

**Vs**

**Philip D'Amato I.D. 2267(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u hamsin euro u hames centezmi (€750.05) ekwivalenti ghall-valuta antika ta' tliet mija u tnejn u ghoxrin lira maltin (Lm322) liema ammont huwa dovut lis-socjetà attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21462778 skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mal-Avviz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u hamsin euro u hames centezmi (€750.05) - (Lm322), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------